Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,694, 3 ta' Settembru, 2021
Taqsima B

A.L. 345 tal-2021

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Użu fit-Triq ta' Bhejjem u Vetturi Miġbuda minn Bhima

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Użu fit-Triq ta' Bhejjem u Vetturi Miġbuda minn Bhima u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Użu fit-Triq ta' Bhejjem u Vetturi Miġbuda minn Bhima, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 499. 66.

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subparagrafu (iii) tal-paragrafu (f) tas-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subparagrafu ġdid li ġej:

"(iii) fl-artikoli 4, 5, 6(a), 7, 8(b), 8(ċ), 8(e), 11, 13(2), 14(3), 15, 15A, 16, 17, 18, 22(1)(b), (ċ), (d), (e), (f), 22(1Ċ), 22(1D)(a), 22(1E) u 22(3BA)(5) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;"; u Kap. 101.

(b) minnufih wara l-paragrafu (ċ) tas-subregolament (4) tiegħu għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) Min ikollu Liċenza X għandu, fi żmien tliet(3) xhur qabel id-data ta' skadenza tal-imsemmija liċenza, u minn dik id-data 'l quddiem, jissottometti applikazzjoni għat-tiġdid tal-permess mal-Awtorità b'dak il-mod u soġġett għal dak il-ħlas li tista' tippreskrivi l-Awtorità flimkien ma':

(i) ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-pulizija, u

(ii) dikjarazzjoni minnu ffirmata li

tikkonferma li huwa għadu jissodisfa r-rekwiżit ta' reputazzjoni u kondotta tajba u li minn mid-data li fiha nħarġet l-aħħar liċenza huwa ma ġiex misjub ħati ta' xi reat bi ksurtad-dispożizzjonijiet tar-regolament 6(3)(f).".